# Ċirkulari Lill-Azzjonisti

**Datata 22 ta' Frar 2022**

---

Din iċ-Ċirkulari qiegħda tinħareġ minn Malta International Airport p.l.c (C 12663) li għandha l-uffiċċju rreġistrat tagħha fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta, Ħal Luqa, Malta (il-"Kumpanija"), u ntbagħtet lil dawk l-azzjonisti li jidhru fuq ir-reġistru tal-membri tal-Kumpanija fi tmiem il-ġurnata tax-xogħol fil-11 ta' April 2022, bl-intenzjoni li tipprovdi spjegazzjoni dwar in-negozju speċjali li qiegħed jiġi propost lill-azzjonisti fil-Laqgħa Ġenerali Annwali tal-Kumpanija tas-sena 2022 (iċ-"Ċirkulari").

## 1. Informazzjoni Importanti

**DAN HUWA DOKUMENT IMPORTANTI U L-AZZJONISTI SER JINTALBU JIVVUTAW FUQ IL-KWISTJONIJIET U L-ĦWEJJEĠ KOLLHA MSEMMIJIN HAWNHEKK FIL-LAQGĦA ĠENERALI ANNWALI. FIL-KAŻ ILLI L-AZZJONISTI LI SER JIRĊIEVU DAN ID-DOKUMENT IKOLLHOM XI DUBJU FUQ DAN ID-DOKUMENT JEW FUQ XI AZZJONI MEĦTIEĠA MIN-NAĦA TAGĦHOM, HUMA MĦEĠĠIN JIKKUNSIDRAW LI JFITTXU L-PARIR TA' KONSULENT INDIPENDENTI XIERAQ.**

Din iċ-Ċirkulari fiha informazzjoni dwar riżoluzzjoni li ser tiġi proposta biex tiġi adottata waqt il-Laqgħa Ġenerali Annwali (il-"LĠA") skedata għall-11 ta' Mejju 2022 . Din iċ-Ċirkulari qiegħda tintbagħat lill-azzjonisti kollha intitolati li jattendu u jivvutaw fil-laqgħa sabiex ikunu jistgħu jifhmu aħjar in-natura ta' waħda mir-riżoluzzjonijiet li ser jiġu kkunsidrati fil-LĠA u biex tipprovdi l-informazzjoni meħtieġa dwar din ir-riżoluzzjoni sabiex tassisti lill-azzjonisti jieħdu deċiżjoni infurmata. Din iċ-Ċirkulari qiegħda tinħareġ u tintbagħat f'konformità mal-Capital Markets Rules tal-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta, partikolarment f'konformità mar-Regola 6.39, rigward ċirkulari li jintbagħtu lill-azzjonisti meta avviż ta' laqgħa ġenerali annwali jinkludi negozju speċjali, u mar-Regola 6.2 tal-Capital Markets Rules fuq il-kontenut kollu taċ-ċirkulari.

F'każ illi t-titoli kollha tal-Kumpanija jew uħud minnhom ġew mibjugħin jew ittrasferiti mid-destinatarju ta' din iċ-Ċirkulari, din iċ-Ċirkulari u kull dokument relevanti għandhom jingħaddew lill-persuna tramite liema l-bejgħ jew it-trasferiment ikun ġie effettwat għat-trażmissjoni lix-xerrej.

Id-Diretturi tal-Kumpanija, Alan Borg, Karl Dandler, Cory Clifford Alfred Greenland, Nikolaus Gretzmacher, Rita Heiss, Wolfgang Koeberl u Florian Nowotny (id-"Diretturi"), jaċċettaw ir-responsabbiltà tal-informazzjoni li tinsab f'dan id-dokument. Skont l-aħjar għarfien u twemmin tad-Diretturi li eżerċitaw kull attenzjoni raġonevoli biex ikun żgurat li dan huwa l-każ, l-informazzjoni li tinsab f'dan id-dokument hija konformi mal-fatti u ma tħalla xejn barra li jista' jaffettwa s-sinifikat ta' din l-istess informazzjoni.

## 2. Introduzzjoni

Għal kull mistoqsija jew kjarifikazzjoni dwar il-LĠA, l-azzjonisti huma mitlubin sabiex jikkuntattjaw lill-Kumpanija permezz tan-numru +356 2369 6600 (mit-Tnejn sal-Ġimgħa mit-0800 CET sal-1600 CET) jew permezz tal-formola elettronika li tinsab fuq maltairport.com/corporate/investors/investorrelationscontactnumber/.

## 3. Ir-Riżoluzzjoni – Negozju Speċjali

Ir-riżoluzzjoni dwar negozju speċjali li ser tiġi kkunsidrata fil-LĠA għall-approvazzjoni tinqara hekk:
**"that PricewaterhouseCoopers (Malta) be and are hereby appointed as auditors of the Company; and that the directors be and are hereby authorised to determine their remuneration;"**

**NOTI TA' SPJEGAZZJONI DWAR IR-RIŻOLUZZJONI**

Il-mandat ta' Deloitte Audit Limited bħala awdituri statutorji tal-Kumpanija jiskadi fil-LĠA li jmiss. Il-Kumitat tal-Awditjar tal-Kumpanija beda proċess kompetittiv biex jingaġġa awdituri statutorji ġodda tal-Kumpanija fost numru ta' ditti tal-awditjar f'Malta. Wara evalwazzjoni tar-risposti li waslu, il-konklużjoni tal-proċess tal-għażla kompetittiva u fuq il-bażi tar-rakkomandazzjoni li waslet mill-Kumitat tal-Awditjar, id-Diretturi qegħdin jipproponu li, wara li jiskadi l-mandat ta' Deloitte Audit Limited bħala awdituri statutorji tal-Kumpanija, l-azzjonisti tal-Kumpanija japprovaw l-ingaġġ u l-ħatra ta' PricewaterhouseCoopers (Malta) bħala awdituri statutorji tal-Kumpanija. Id-Diretturi qegħdin jipproponu wkoll li ladarba PricewaterhouseCoopers (Malta) jinħatru bħala awdituri tal-Kumpanija, id-Diretturi jkunu, kif inhi d-drawwa, awtorizzati li jiddeterminaw ir-remunerazzjoni ta' PricewaterhouseCoopers (Malta) bħala awdituri statutorji tal-Kumpanija.

## 4. Dokumenti Disponibbli Għall-Ispezzjoni

Id-dokumenti hawn taħt ser ikunu disponibbli għall-ispezzjoni fl-uffiċċju rreġistrat tal-Kumpanija li jinsab fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta, Ħal Luqa, Malta, għal mill-inqas erbatax-il (14) jum mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din iċ-Ċirkulari:
a) il-Memorandum u l-Artikoli ta' Assoċjazzjoni tal-Kumpanija;
b) l-aħħar Rapport Finanzjarju Annwali tal-Kumpanija għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2021;
c) ir-Rapport Interim tal-Kumpanija għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2021 sat-30 ta' Ġunju 2021.

## 5. Rakkomandazzjoni Tad-Diretturi

Id-Diretturi qegħdin jirrakkomandaw ir-riżoluzzjonijiet li hemm fl-Avviż tal-LĠA, b'hekk id-Diretturi qegħdin jirrakkomandaw mingħajr kwalifiki lill-azzjonisti sabiex jivvotaw favur il-proposti u r-riżoluzzjonijiet li qegħdin jingħataw għall-vot tagħhom, u li fl-opinjoni tagħhom it-tranżazzjoni deskritta f'dan id-dokument hija fl-aqwa interess tal-Kumpanija.

**DATA**
22 ta' Frar 2022

Approvata u maħruġa minn Malta International Airport p.l.c., b'uffiċċju rreġistrat li jinsab fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta, Ħal Luqa, Malta

**F'każ ta' ħtieġa ta' interpretazzjoni, il-verżjoni bl-Ingliż ta' din iċ-Ċirkulari hija dik uffiċjali.**